# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001**

**Numru 3**

**Cit. Nru. 597/99 GV**

**Ocean Way Company Limited**

**vs**

**L'Onda Limited u Vincent Grixti**

Il-Qorti,

**Preliminari**

1. Fl-20 ta' Lulju, 1999, is-socjeta' konvenuta intavolat appell minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1999, f'kawza fl-ismijiet premessi, istitwita mis-socjeta' attrici, u f'liema kawza giet milqugha t-talba attrici kontra s-socjeta' L'Onda Limited.

Illi permezz ta' dan l-appell, is-socjeta' konvenuta appellanti talbet ir-riforma tas-sentenza surreferita u dana billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Vincent Grixti u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u laqghet it-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti L'Onde Limited.

2. Is-socjeta' attrici appellata, min-naha taghha, wiegbet b'risposta datata is-26 ta' Lulju, 1999, fis-sens li l-imsemmija sentenza ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

**<u>Rikors ghall-ghodi tal-Cautio Juratoria"</u>**

2. Fis-27 ta' November, 2000, is-socjeta' konvenuta appellanti intavolat rikors ulterjuri fejn talbet lil din il-Qorti biex, ghar-ragunijiet esposti fir-rikors, jinghata lilha l-beneficcju tal-garanzija bil-gurament a tenur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, taht kull provvediment xieraq u opportun.

3. Il-kontroparti appellata opponiet ghal din it-talba u dan ukoll billi f'kull kaz, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex "probabilis causa litigandi" ghall-istess ragunijiet imsemmijin fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

4. Din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Vincent Grixti prodott mis-socjeta' konvenuta appellanti biex jixhed dwar l-istat ta' mezzi finanzjarji jew assi tas-socjeta' konvenuta. Fil-kors ta' l-indagini, gew esebiti l-Memorandum u l-Articles of Association tal-kumpannija kif ukoll l-ahhar 'bank statement' – ara Dok VG – mahrug mill-Bank of Valletta plc. Illi kemm mid-deposizzjoni ta' Vincent Grixti, kif ukoll mill-"istatement of accounts" li gie esebit jirrizulta li s-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda assi jew mezzi finanzjarji. Kien hemm dejn mal-Bank li gie saldat mir-rikavat tal-bejgh ta' parti mix-xbieki tas-sajd. Ix-xbieki l-ohrajn gew mormija ghax kienu mqattghin. Il-lanca tas-sajd li hadmu biha ghal erba' xhur qeghda fil-pussess ta' George Zammit, Direttur tas-socjeta' attrici. Xoghol aktar ta' sajd ma sarx mis-socjeta' konvenuta u ma kien hemm xejn aktar bhala mezzi jew introjtu.

**Id-decizjoni ta' din il-Qorti**

5. Illi ghandu jidher evidenti li, b'riferenza wkoll ghall-art. 904 tal-Kap 12, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex mezzi biex taghmel depozitu bhala kawtela ghall-ispejjez gudizzjarji in konnessjoni ma' din il-procedura ta' appell, u dan ukoll jirrizulta wara li l-appellant nomine ta x-xhieda tieghu.

Illi l-imsemmi artikolu tal-ligi, pero', jesigi inoltre li l-appellant juri li prima facie ghandu "probabilis causa litigandi".

Ikkunsidrat ulterjorment li ghalkemm ix-xhieda ta' Vincent Grixti, prodott mis-socjeta' konvenuta appellanti, giet limitata unikament ghaccirkostanzi u l-istat ta' fatt rigwardanti l-mezzi finanzjarji tas-socjeta' appellanti, u ghalkemm ukoll jidher li s-socjeta' allura appellata ressqet ragunijiet biex turi li f'kull kaz "probabilis causa litigandi" ma tezistix fl-aggravji ta' l-appell intavolat mis-socjeta' konvenuta, ghandu pero' jirrizulta li minn ezami ta' l-aggravji tas-socjeta' konvenuta kif esposti u elaborati fir-rikors ta' appell, li fuq bazi merament prima facie tali "probabilis causal itigandi" tezisti u li ghalhekk, u anke biex it-trattazzjoni tal-meritu ta' dan l-appell ma titwalx aktar milli hu strettament mehtieg, qeghda tiddeciedi favur l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti appellanti kif fuq esposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tammetti lis-socjeta' appellanti ghall-beneficcju tal-"cautio juratoria" ai termini ta' l-artiklu 904 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk qeghda tiddifferixxi l-appell ghat-trattazzjoni fil-meritu.

Dep/Reg

mm